# Il-Madonna għadha ssejjħilna: "Ejja... Fi ħdani ssib lil Ġesu'" 125 mis-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu



**Mill-istorja...**

Fit-22 ta' Ġunju ta' l-1883, Karmni Grima semgħet lil xi ħadd isejjħilha waqt li kienet sejra lura d-dar mill-għelieqi ta' madwar l-kappella. Hi semgħet vuċi ta' mara tgħidilha: "Ejja, ejja". Hi bdiet tibża u bdiet tiġri 'il hemm mill-post. Il-vuċi reġgħet sejħitilha, u din id-darba Karmni ndunat li l-vuċi kienet ġejja minn ġol-kappella. Hi daħlet ġol- kappella u qalet it-talb tagħha tas-soltu. Il-vuċi, li kienet ġejja mix-xbieha tal-Verġni Mqaddsa, talbitha biex tgħid tliet Ave Maria f'ġieħ it-tlett ijiem li l-Ġisem Tagħha dam fil-qabar qabel ma tela' fis-sema.

Karmni għamlet kif talbitha l-vuċi, u baqgħet sejra fi triqitha. Ftit wara, Karmni mardet u kellha tibqa' fis-sodda għal aktar minn sena sħiħa. Wara, Karmni qalet is-sigriet tagħha lil ħabib tagħha, Frenċ Portelli, li mi-naħa tiegħu qallha li għal dak iż-żmien hu wkoll kien sema' leħen ta' mara ġej mill-kappella jgħidlu biex jitlob. Ftit żmien wara din is-sejħa misterjuża, omm Frenċ ġiet imfejqa mirakolożament bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu. Il-kappella mwarrba spiċċat post ta' pellegrinaġġ għal ħafna nies mill-gżira u anke 'l barra minn xtut l-gżira. L-isqof Pietru Pace ġie mgħarraf b'dawn l-ġrajjiet u, wara li kellem lil Karmni u lil Frenċ, ikkonkludha li l-vuċi kienet ġejja mis-sema. Id-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu kibret minnufih u numru kbir ta' pellegrini żaru l-kappella. Is-santwarju attwali beda jinbena fl-1920,u fl-1932 il-knisja l-ġdida ġiet mbierka u miftuħa għall-pubbliku.

**Illum...**

Anke llum il-Madonna għadha ssejjaħ... Issejjaħ għall-konverżjoni u biex ngħixu ħajja qaddisa. Tkompli tgħidilna b'dik il-ħarsa kollha ħlewwa tagħha: "Agħmlu kif jgħidilkom Hu". Nersqu lejn Marija mhux biss biex inressqu quddiemha l-weġgħat u l-ħtiġijiet tagħna, imma fuq kollox biex tgħallimna ngħixu l-kelma ta' Ġesu'.

***Dun Giovanni Curmi***

## *Jistgħu jinteressawk*

*Ħamis 26: Jum Internazzjonali kontra d-Droga*
*Ġimgħa 27: Ordinazzjoni ta' Djakni (Katidral 6.00p.m.)*
*Sibt 28: Ftuħ tas-Sena Pawlina ( Bażilika San Pietru u San Pawl, Nadur 6.30p.m.)*

*gozopress • 21551534*

# It-Talba tal-ġimgħa

*Mulej Ġesu', agħtina s-sempliċita' ta' Karmni Grima u l-ġenerożita' biex bħalha inwieġbu għas-sejħat li Int tagħmlilna fil-qalb tagħna.*





Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

It-12-il Hadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2048) • 22 ta' Ġunju 2008




## IT-TIFKIRA SOLENNI TAS-SEJĦA TAL-MADONNA LIL KARMNI GRIMA.

**(Gw. 2, 11-11)**

Mbagħad fit-tielet jum sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid." U Ġesù qalilha: "X'hemm bejni u bejnek, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx." Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu." Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqeg]da hemm għar-rit tal-purifikazzjoni tal-Lhud, kull waħda minnhom tasa' xi mitt jew mija u għoxrin litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom sax-xifer. Mbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newwluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda." U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa." Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih

**RIFLESSJONI**

- Marija għamlet sejħa lil Karmni Grima : "*Ejja, Ejja*" u Karmni waqt li kienet miġbura fit-talb, il-Madonna wasslitilha messaġġ.
- Marija wkoll fit-tieġ ta' Kana għamlet sejħa lill-qaddejja u qaltilhom jagħmlu dak li jgħidilhom Ġesu'.
- Illum ukoll Marija qed tagħmel sejħa lis-soċjeta' tagħna li qed titlef it-tgħoma tal-ferħ veru u qed tistedinna nersqu lejn Ġesu' biex idewwaqna mill-inbid tal-ferħ spiritwali.
- Ġie li ħassejt xi sejħa qaddis mingħand Ġesu' jew mingħand il-Madonna u bqajt għaddej b'mod indifferenti quddiem is-sejħa.
- Marija hija preżenti fil-ħajja tagħna kif kienet fit-tieġ ta' Kana u tinteressa ruħha mis-sitwazzjonijiet kollha tagħna.